20 ta' Settembru, 1952

Imħallef :

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Il-Pulizija *versus* Karmnu Barbara**

**Provi — Xhieda — Età — Art. 634 tal-Kodiċi Kriminali.**

*Il-liġi, bħala regola, trid li tinġieb l-aktar prova sħiħa u soddisfaċenti, u li ma jitħalla barra ebda xhud; imma x-xhieda ta' xhud wieħed biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika l-fatt, hija biż-*

*żejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox daqs kemm kieku l-fatt ġie pruvat minn żewġ xhieda jew aktar.*

*Ix-xhieda ta' tifel ta' età żgħira mhix tali li l-ġudikant ma jistax jorbot fuqha "sic et simpliciter"; għax anki tifel ta' età żgħira jista' jkun veritjer u sinċier. Imma dik ix-xhieda ma tridx tkun vizzjata b'xi waħda mill-karatteristiċi tipiċi ta' dik l-età, bħal ma hija s-suġġestjonabilità—kif ġiet ritenuta vizzjata f'dan l-każ.*

Fuq l-imputazzjoni li seraq fenek (recte fenka) stmat tnax il-xelin għad-dannu ta' Maria Camilleri, l-imputat ġie misjub ħati b'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tat-8 ta' Awissu 1952, li akkordatlu l-benefiċċju tal-"first offenders";

L-imputat appella kontra din id-dikjarazzjoni ta' reità;

Trattat l-appell tiegħu, din il-Qorti rriflettiet;

L-uniku xhud okulari prodott mill-Prosekuzzjoni hu Joseph Bellotti, tifel ta' seba' snin u nofs. S'intendi, hi liġi li anki xhud wieħed jista' jkun biżżejjed għall-konvinzjoni. Bħala regola, il-liġi—art. 634 Kap. 12—trid li tinġieb il-prova l-aktar sħiħa u soddisfaċenti li l-każ ikun jagħti, u li ma jitħalla barra ebda xhud; iżda x-xhieda ta' xhud wieħed biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt, hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox daqs kemm kieku l-fatt ġie pruvat minn żewġ xhieda jew aktar;

F'dan il-każ, ix-xhieda tat-tifel Bellotti ma hix tali li l-ġudikant jista' jorbot fuqha. Dan, ċertament, mhux minħabba l-età tiegħu "sic et simpliciter", għax anki tifel ta' dik l-età jista' jkun veritjer u preċiż, kif turi l-esperjenza tal-Qrati. U għap-propożitu t-Taylor (On Evidence, Vol. I, p. 62) jgħid:—"Sir William Blackstone apparently thought that less credit was due to the testimony of a child than to that of an adult; but reason and experience scarcely warrant this opinion". Però, f'dan il-każ partikulari, ix-xhieda tat-tifel Bellotti għandha fiha ċirkustanzi li jirrenduha mhux kredibili; u l-Qorti taħseb li dan kien każ fejn ix-xhieda hi vizzjata b'waħda mill-karatteristiċi tipiċi ta' dik l-età, li Enrico Altavilla, fl-opera tiegħu Psicologia Giudiziaria (p. 33) jesprimi bil-kliem "il fanciullo è estremamente suggestionabile";

Deher infatti mill-provi illi t-tifel ma kienx jaf qabel, bl-ebda manjiera, ir-raġel li hu jgħid li ra jieħu l-fenka, la minn

wiċċu u lanqas b'ismu jew laqmu. Imbagħad it-tifel mar jgħid lil Maria Camilleri li hu kien ra raġel jisraq il-fenka tagħha. Dak il-mument kien hemm it-tifel ta' Maria Camilleri, u dan, apparentement bla raġuni ta' xejn, staqsa lit-tifel Bellotti jekk ir-raġel li ra kienux jgħidulu "Ix-Xewqa", u t-tifel irrispondieh affermativament, għalkemm hu ma kienx jaf b'xejn b'dak il-laqam, li hu l-laqam ta' l-imputat. Il-pożizzjoni hi aggravata bil-fatt li dan it-tifel ta' Maria Camilleri, li evidentement issuġġestjona lil Bellotti, kien miksur ma' l-imputat, għaliex dan kien impjegah u keċċieh mill-impjeg. Hu veru li Bellotti qal li hu jagħraf lill-imputat fl-awla, imma deher ukoll li meta ħaduh l-għassa, qabel ma daħħluh ħalli jidentifika lir-raġel li kien ra jieħu l-fenka, xi ħadd qallu li r-raġel li hu kien sejjer jara kien dak li ħa l-fenka—ċirkustanza li, atteżi ċ-ċirkustanzi, tkompli tivvulnera l-kredibilità tat-tifel. Dan apparti varjanti oħra, u apparti l-fatt li l-imġieba stess tat-tifel Bellotti fil-pedana tax-xhieda ma kienetx tali li tagħti affidament ta' kredibilità. Il-Qorti taħseb li Bellotti veru li ra lil xi ħadd jieħu l-fenka, imma li mbagħad ġie suġġestjonat kwantu għall-identifikazzjoni ta' l-imputat;

L-imputat bil-ġurament tiegħu ċaħad l-imputazzjoni;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi;

Billi tilqa' l-appell, tħassar is-sentenza appellata, tiddikjara l-imputat mhux ħati, u tordna li jiġi liberat inkondizzjonatament.